LEHEN IL-MALTI

APRIL-ĠUNJU IS-SBATAX-IL SENA Għadd 193-195

# *IL-FALLIMENT TA' MALTA*

(*Editorjal tal-* **Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)**)

*FIR-RUSSJA ta' żmien il-Kżar kienu jissejħu l-*intelligentsiya *dawk in-nies li għax ma kenux jaħmlu l-madmad ta' moħħ imjassar, kienu jridu jaħsbu b'rashom u jaqtgħu b'rajhom. U biex jaħsbu b'rashom kien ikollhom jistudjaw u jżommu ruħhom imgħarrfin dwar dak kollu importanti li kien jiġri fid-dinja ta' żmienhom. Għalkemm mhux l-*intelligentsiya *Russa kollha kienet tasal għal fehmiet tajba, kienet għall-inqas ħaġa tassew sabiħa li qatgħa nies riedu jingħażlu minn miljuni oħrajn imjassra ma jafux jaħsbu b'rashom. Din il-kelma li xterdet fl-ilsna ta' l-Ewropa, ir-Russi ħaduha mill-kelma Taljana* intelligenzia, *kelma li aħna wkoll daħħalna fil-Malti.*

Intelligentsia *tissejjaħ dik il-qatgħa ta' nies moħħa miftuħ li tingħażel mill-kotra għax taħseb b'rasha; u f'sens usa' tfisser dik il-qatgħa ta' nies studjużi li jifhmu mhux biss f'xi fergħat tal-għerf imma jafu japprezzaw ukoll ir-rabtiet ta' bejniethom. F'sens ġenerali, mela, jistgħu jissejħu* intelligentsia *il-korp ta' nies studjużi li lkoll flimkien jirrappreżentaw l-għerf, l-istudji tal-pajjiż.*

*Minn dan għandu jidher kemm hu tassew minnu li pajjiż mingħajr* intelligentsia *hu pajjiż mejjet; u jixraqlu għalhekk aktar l-isem ta' art l-ilsiera milli l-art ta' nies ħielsa. Għax fejn hemm l-*intelligentsia *għandek dejjem ibaqbqu friski n-nixxiegħat tal-ħsieb ħaj; għandek dejjem jaħraq il-maġmar ta' l-idejjiet; għandek dejjem jaħkem qawwi l-karattru li jiġi mir-rażan tal-fehmiet miżuna. Bil-maqlub fejn ma hemmx* intelligentsia *l-art tal-ħsieb ma tistax tkun għammiela għax niexfa bħal raba' mqaxqax; in-nar ta' l-idejjiet hu mitfi—kollox griż, lewn l-irmied; fejn m'hemmx* intelligentsia *ma hemmx karattru u fejn ma hemmx karattru ma hemmx patrijotti, ma hemmx nies li*

*jħobbu lil art twelidhom; ma hemmx nies li jħobbu art misserijiethom mhux biex isoffuha bħalma n-naħal isoff il-ward, imma biex jarawha tgħaddi dejjem il quddiem u tieħu dak il-post għoli fid-dinja li jixirqilha fil-għaqda tal-ġnus ċivilizzati. Il-patrijotti huma mela nies li ma jqisux il-kobor tal-pajjiż u ta' dak kollu li jagħmel sehem mill-pajjiż, bil-kejl tal-flus. Fi ftit kliem huma n-nies li ma jarawx oġġett ta' kummerċ fil-ħidmiet u fl-istudji ta' art twelidhom. Huma mela n-nies il-qalbiena, waqt li l-oħrajn huma l-ġwejjef, in-nies bla ruħ li jinnegozjaw il-ġieh ta' art twelidhom bħalma jinnegozjaw kull merċa oħra.*

*Għalhekk mhux ta' min jistagħġeb li Hitler fil-*Mein Kampf *(It-Taqbida Tiegħi) kiteb li għall-ħsebijiet tiegħu kien aktar jagħżel li jkollu nies tad-dgħif (brawn) milli nies tal-moħħ (brain). Tabilħaqq, in-nies tad-dgħif, tal-musklu tixħethom finnar tat-taqbida kif trid u meta trid, bħalma l-Ispanjoli jixħtu l-barri fis-serrigħat tal-ġlied. Lanqas għalhekk ta' min jistagħġeb li kull Gvern tirann l-ewwel ma jagħmel biex iserraħ rasu jeqred l-*intelligentsia *tal-pajjiż fejn jidħol, kif rajna jsir fi żmienna. Lanqas ta' min jistagħġeb għaliex Gvern despotiku, jonkella bla ruħ, dejjem idawwar ruħu b'qaddejja servili bħalma kien jagħmel il-Gvern Awstrijak fl-Italja, li kien iħallas tajjeb lil xi Taljani qaddejja biex bihom iħażżan it-Taljani l-qalbiena li kienu jixtiequ l-għaqda ta' pajjiżhom bħalma kienu, fost oħrajn, Maroncelli u Silvio Pellico li sabu ruħhom il-ħabs għal għarrieda mħabba akkużi ta' tixwix għalkemm ix-xewqa ta' dawn ma kinitx ħaġa oħra ħlief dik qaddisa li jeħelsu l-art sabiħa taxxemx u l-għana mill-ħruxija ta' ħakma barranija.*

*L-*intelligentsia *li minnha joħorġu l-patrijotti qalbiena tria tkun magħmula minn nies moħħom u qalbhom miftuħa biżżejjed biex jifhmu li kull ma hu ta' art twelidhom ħaqqu qima għalih innifsu biss u mhux le, bħall-merċa, għall-flus li tista' ddaħħal minnu. Ma jistax jitqies bħala moħħu miftuħ u qalbu f'lokha dak ir-raġel li jħares lejn il-valuri storiċi ta' art twelidu, jiġifieri Reliġjon, Ilsien, drawwiet, koltura ġenerali, bħalma negozjant rgħib iħares lejn metall biex jara x'jiswa fis-suq u kemm jista' jaqla' minnu.*

*Issa hawn Malta, imħabba l-ġrajja twila ta' ħakma barranija meta wkoll mhux ta' jasar daqqa taħt ġens u daqqa taħt ieħor, ġara li ħafna dejjem ħarsu lejn Malta, art twelidhom, mhux bil-għajnejn ta' wlied ferħana bis-sehem li Alla tahom fil-*

*ħolqien, imma bil-għajnejn ta' l-ispekulaturi rgħiba li jridu jogħ-ġbu l-barrani biss biex jieħdu impieg għoli, mingħajr qatt ma jimportahom minn xejn iżjed. Meta Vassalli mal-mija u ħamsin sena ilu qam għall-Ordni u talab it-tagħlim ta' lsien il-poplu u l-ftuħ ta' skejjel għal kulħadd hu tkellem bil-qlubija kollha ta' bniedem li kien iħoss ruħu mdawwal minn fehmiet kbar wisq għal dawk iż-żmenijiet fewdatarji. Ma kellux x'jaqla'; kellu x'jitlef u tilef. Tilef il-mistrieħ, ix-xogħol, ġidu, u saħħtu, u l-imħabba ta' l-istess Maltin li ma għarfuhx. Imma flokhom ki-seb isem kbir fl-istorja għax isem dan iż-Żebbuġi l-lum hu wisq aktar fil-ħalq minn kull dinjitarju ta' żmienu, tibda mill-Gran Mastru u tispiċċa fl-Isqof, li ma għad baqagħlhom l-ebda saħħa fuq il-ħajja Maltija tal-lum. Kieku l-istorja ma kinitx tikseb mexxejja tal-ħsieb bħal Vassalli għal Malta, Mazzini għall-Italja, Jeanne d'Arc għal Franza, kieku l-poplu kien jibqa' jit-miegħek taħt is-saqajn bla tama. Tabilħaqq li l-poplu mħolli fil-għama, bħall-iblah li meta taqlagħlu għajnu jifraħ, ħafna drabi jsallab lil min irid jaqbeż għalih, imma n-nies qalbiena jqisu lill-kotra bħal ħafna tfal żgħar li jitbellhu għax ma jafux x'inhuma jagħmlu. Li ma kienx hekk kieku l-poplu l-baxx kien jitħalla msawwat bis-sawt tiegħu nnifsu, jagħti bin-nerf fuq daharu u minn fuq jaħseb li qed isawwtu ħaddieħor!*

*Kemm hi kbira f'għajnejn l-istorja l-persuna tal-patrijott, li għal art twelidu jagħti bil-qalb żmienu u flusu u ma jsejħilhomx ħala! Kemm daqshekk ieħor hu tal-għajb dak il-bniedem li għan-du ħila fil-pubbiku, quddiem barranin, quddiem nies mhux ta' demm Malti bħalu, iqum fuq riġlejh u jipprova jbaxxi l-art li tagħtu l-isem ta' Malti u miegħu l-Ilsien Malti li, bħall-bandiera, jagħżlu minn ġnus oħra. Dawn in-nies bla mistħija l-lum qegħ-din jonqsu sewwa imma l-egħdewwa ta' lsien art twelidhom għadhom iferfru fostna, u wieħed minnhom ftit ilu semma' leħ-nu fil-pubbliku u baxxa bi kliemu l-ġieħ ta' lsien il-poplu, l-il-sien li jagħżel lilu, bħalma jagħżel lilna, mill-Ingliżi u mit-Tal-jani. U dan għamlu quddiem nies ta' demm ieħor, li forsi mħab-ba fih qiesu baxxi u qaddejja n-nies ta' dil-Gżira. Għax jekk il-bniedem miżmum b'għaref jitħaddet bħal ibleh kemm mela jitħaddet iżjed bħal ibleh il-baxx! O Art tal-mistħija u tal-għajb!*

*Imma għalkemm l-argument jidher iwassal għal din il-kon-klużżjoni, madankollu l-poplu ż-żgħir, li jittieħed inqas malajr mit-taħsir tas-soċjetà għolja, hu iżjed patrijott, iżjed ġenwin.*

*Għalhekk il-qawmien Malti hu fuq kollox qawmien tal-poplu u għall-poplu. Minn dan li għedna, jiġifieri li bniedem miżmum b'għaref jasal biex jagħmel għajb lilu nnifsu u lil nislu, naraw weħidna li mhux il-grad li għandek fis-soċjetà, u lanqas il-post li tokkupa jew l-ittri li ġġib wara ismek ma jdaħħluk fil-qatgħa ta'* l-intelligentsia. *imma l-qalb u l-moħħ miftuħin mill-istudji li jgħallmuk tħares lejn il-ħajja bħala zokk wieħed u l-ħidmiet tal-moħħ bħala l-friegħi ħerġin minnu — jiġifieri jgħallmuk tara l-istudji kollha nisġa waħda bħalma nisġa waħda huma r-raġġi ta' dawl wieħed. Issa kif is-sewwa nħobbuh mhux għax naqilgħu l-flus minnu imma għax ta' min iħobbu fih innifsu, hekk ukoll l-imħabba ta' art twelidna ma għandha qatt tkun maħsuba għall-qligħ li wieħed jista' jieħu minnha. Li kieku kien hekk kieku kulħadd jiċħad 'l ommu għax fqira, u flok Insara Maltin konna nsiru poplu mill-agħar, bla raj u bla ruħ u bla moħħ ukoll.*

*Biex il-livell ta'* l-intelligentsia *Maltija jinżamm fil-għoli jeħtieġ li dawk li jistgħu, jagħtu ruħhom għall-studji — għall-iżvilupp ta' l-idejiet li, bħalma l-imsiebaħ idawwlu l-katakombi, idawwlu d-dlam ta' l-injoranza jew tal-preġudizzji tal-ħajja. Hobb l-istudji; ħarishom mill-għajb. La xxeħħx magħhom. Biegħed minn art twelidek il-fehma mqarrqa li l-istudji għoljin huma lussu, li huma ħela ta' flus il-poplu. F'pajjiż ċivilizzat għandu jkun hemm post għal kollox. Fil-ktieb tiegħu "Dmirijiet il-Bniedem", Silvio Pellico kiteb :* "Allorchè il tuo impiego o le cure domestiche non ti lasciano più gran tempo da consegnare ai libri, difenditi da un'inclinazione volgare che sogliono prendere coloro che omai poco o nulla più studiano : cioè d'abborrire tutto quel sapere ch'essi non hanno acquistato : di sorridere d'ognuno che tenga in molto conto la coltura dell'ingegno; di desiderare, quasi bene sociale, l'ignoranza."

*Dan mhux kliem fil-fieragħ. Għalina l-Maltin dit-tagħlima tiswa mitqilha deheb; kull kelma fiha x'tiżen. Igħodd għal dak il-qassis, għal dak it-tabib, avukat jew perit u għal kull bniedem ieħor li darba waħda studja biex igħaddi mill-eżami u meta għadda qal lill-kotba tiegħu "Saħħa; sa fl-aħħar ħlisna minn xulxin." U hekk igħaddu s-snin, u dak il-bniedem li jkun qal saħħa lill-kotba jitlef, jekk qatt kellu, l-imħabba għat-tagħlim. U kieku sa hawn il-ħsara mhix kbira ħafna għalkemm hi kbira biżżejjed L-agħar hu li dawn in-nies jintefħu bl-injuranza tagħhom, isejħu lilhom infushom "nies prattiċi" u qatt ma jaslu biex isejħu "in-*

*joranza'' n-nuqqas ta' koltura billi flok hekk isejħu lill-koltura ''telf ta' żmien'', ħidma li ma ddaħħalx flus minnha, u jmaqdru u jfixklu t-tagħlim u jagħmlu l-bsaten fir-roti lin-nies studjużi. Fuq hekk l-istess Silvio Pellico kiteb :* ''Gli studii superficiali producono troppo spesso uomini mediocri e presuntuosi; uomini in secreto conscii della loro nullità, e tanto più smaniosi a collegarsi con nojosacci a loro simili, per gridare al mondo che sono grandi e che i veri grandi sono piccoli. Quindi le perpetue guerre de' pedanti contro i sommi intelletti, e de' vani declamatori contro i buoni filosofi. Quindi lo sbaglio che prendono talora le moltitudini, di venerare chi più grida forte o meno sa''.

*Ħares lejn Malta u ara kemm igħodd għalina kliem Pellico. Ara kemm tabilħaqq fostna wkoll huma dawk li jgħajtu l-aktar u jafu l-inqas, in-nies imgħawġin iktar minn nies dritti, in-nies preżuntużi aktar min-nies tal-moħħ li jaħkmu l-ogħla postijiet tal-Gżira f'idejhom. U mħabba f'hekk, kif igħid il-qawl, il-ħuta tinten minn rasha u din l-intiena minn fuq tinżel għal isfel sa ma l-ġisem ta' Malta għoddu sar kadavru mherri u mdewwed. Dan hu kliem iebes imma jekk hu s-sewwa t'Alla, la titweġġgħax minnu, iżda bħat-tabib għaqli, li jeżamina l-marid, eżamina inti wkoll art twelidek u meta ssib il-marda li qed tifniha agħmel ħiltek biex teqridha. Jiena ngħidlek li Malta tagħna hija marida u ilha. Fil-ġnien ta' artna jikber biss il-għollieq u x-xewk u meta xi xitla tonqob 'l hawn u 'l hinn minn żerriegħa tajba, dawn iduru magħha sa ma joħonquha. Il-Maltin il-kbar kisbu isem u ġieh mhux Malta imma barra minn Malta. Malta għannies tagħha studjużi m'għandhiex ħlief tfixkil, tgħajjir u ingratitudini. Imħabba f'hekk Malta baqgħet wisq lura bħala pajjiż ċivilizzat. In-nies għolja tagħha għandhom iżjed presunzjoni milli ħila; ħafna minnhom huma servili li biegħu ġiehhom u l-indipendenza tal-persuna tagħhom għal impieg jew popolarità. Jekk dan li qed ingħid mhux sewwa, urini fejn tqarraqt; imma jekk dan li qed ingħid hu s-sewwa, il-għaliex tmaqdarni?*

*La jiena għamilt l-akkuża jiena wkoll inressaq il-provi quddiem il-Qorti ta' l-opinjoni pubblika. U l-provi niġbidhom fuq il-qawl li jgħid li s-siġra tingħaraf mill-frott tagħha, qawl li tennieh l-Imgħallem tagħna f'waħda mill-paraboli tiegħu.*

*Jiena nħares lejn l-attivitajiet intellettwali tal-bniedem, lejn madwar elfejn sena ta' ħajja Nisranija u madwari ma narax, tneħħi xi dawl ta' moħħ qawwi jixgħel 'l hawn u 'l hinn, ħlief*

*għera u dlam. Is-siġra ta' art twelidna ma tagħtix frott kbir, mela Malta ma hix art kbira kif igħidulha. Il-verità, iebsa kemm hi iebsa, aħjar minn gidba. Dawn huma, fost oħrajn, l-attivitajiet intellettwali tal-bniedem li għandi f'moħħi bħalissa: (1) antropoloġija, (2) arkeoloġija, (3) arkitettura, (4) astronomija, (5) storja naturali, (6) kimika, (7) paleografija, (8) l-arti, (9) ġeografija, (10) ġeoloġija, (11) storja, (12), letteratura, (13) matematika, (14) filosofija, (15) fiżika, (16) oratorja, (17) storja soċjali.*

*F'xi wħud minn dawn is-suġġetti l-ebda Malti ma għamel isem, xi drabi mhux biss imħabba n-nuqqas ta' studju tal-materja imma wkoll imħabba n-nuqqas ta' mezzi. F'xi suġġetti oħra nsibu lil xi Maltin li ħadmu, min ftit, min wisq, u żiedu t-tagħlim tas-suġġett fostna. Imma n-numru tagħhom meta tqis iż-żmien kemm ilna ċivilizzati u kemm ilna ngawdu Università hu żgħir wisq, ukoll għal poplu ta' kwart ta' miljun. Fost il-ftit nies li għamlu isem mhux biss fost il-Maltin imma fost il-għorrief barranin ukoll, insemmu dawn li ġejjin: Ġużè Despott u A. Caruana Gatto fl-Istorja Naturali; Temi Zammit, Patri Magri, A. A. Caruana, Napuljun Tagliaferro u Pawlu Bellanti fl-Arkeoloġija; Nikol Zammit, Grognet de Vasse u Girolamo Cassar fl-Arkitettura; Temi Zammit fil-Batterjoloġija; il-Prof. Ġanni Borg fil-Botanika; F. Azzopardi, Nicolò Isouard, Paolino Vassallo u Karlu Diacono fil-Mużika; Giuseppe Calì u Chev. Caruana Dingli fil-Pittura; Melchiorre Gafà u Antonio Sciortino fl-Iskultura; Ramiro Barbaro, Dun Karm Psaila, Alb. Cesareo u Dr. C. Mifsud Bonnici fil-kitba bit-Taljan; M. A. Vassalli, Ġużè Muscat Azzopardi, Mgr. Dun Karm Psaila u Patri M. Magri fil-ħidma għall-Malti; il-Perit Rizzo fil-Ġeoloġija; G. F. Abela u l-Konti Ciantar, Agius de Soldanis, Prof. G. A. Vassallo, A. Ferris, Mons. A. Mifsud, A. V. Laferla u Chev. H. P. Scicluna fl-Istorja; Prof. Mons. P. P. Saydon u Prof. Seraphim Zarb fl-istudji Bibliċi; l-Isqof Camilleri t'Għawdex għall-omeliji; u l-Bibljotekarju l-ġdid, Dom Mauru Inguanez, fl-istudju tal-Paleografija.*

*Għalkemm din mhijiex lista kompluta jista' wieħed jibqa' żgur li, ukoll biż-żidiet ta' ismijiet li jistgħu jsiru, jibqa' minnu li Malta ma tatx nies kbar fl-istorja tagħha daqs kemm setgħet tat kieku l-Maltin jew min jaħkimhom kienu jħobbu l-istudji mhux biss bħala għodda ta' professjoni li wieħed jaqla' x'jiekol biha, imma għax studji bħal dawn jagħmlu ġieħ lill-bniedem u lin-nazzjon.*

*Issa jibqa' l-mistoqsija: "X'inhi l-ħtija ta' din il-marda li nixxfet il-moħħ u l-qalb tal-Maltin?" Jewwilla l-Maltin rashom ħażina? Jewwilla huma bħal dawk il-bhejjem inqas stmati għax inqas sbieħ u f'saħħithom minn oħrajn? Li kien hekk tassew, kien ikollna għalfejn nibegħxu quddiem nies oħra u ngemgmu min-Natura li tatna doni tal-qalb u tal-moħħ inqas minn popli oħra. Imma mhux in-Natura ħaqritna daqshekk; konna aħna, il-Maltin bejnietna, li bi gwerra qalila kontra l-aħjar nies tagħna, tfejna d-dawl ta' l-intellett u dawwarna l-għejjer tagħna bid-dlamijiet ta' l-injoranza u l-prusunzjoni tal-għaġeb li din iġġib magħha. Il-ħtija, kif naraha jiena, hi l-ewwelnett ta' l-Università ta' Malta li bħala l-ogħla ċentru ta' tagħlim messha ilha minn żmien tħeġġeġ ix-xogħol ta' tiftix (research work), pubblikazzjonijiet ta' kitba xjentifika u letterarja, u rabtiet intellettwali ma' l-Universitajiet ta' barra. Imma flok ma l-Università tagħna għamlet dan, sa issa m'għamletx ħaġ'oħra ħlief toħroġ għadd ta' professjonisti kors wara l-ieħor li jqisu l-istudji bħalma kull ħaddiem ieħor iqis is-sengħa tiegħu, jiġifieri, bħala għodda għall-għaxien biss. Il-kelma "research work" lanqas il-lum ma għadha milqugħa u mifhuma kif imiss fl-Università tagħna li, qabel ma taqbad triq oħra, tibqa' qisha skola sekondarja jew Liċeo ftit ogħla mill-oħrajn. Issa billi mill-Università joħorġu l-mexxejja tal-pajjiżi, sakemm ma ssirx din it-tibdila minn sistema ta' skola sekondarja għall-iżvilupp ta' Università kif għallimna li għandha tkun il-Kardinal Newman u kif ingħad fir-rapport tal-Kummissjoni Asquith għat-twaqqif ta' Universitajiet fil-Kolonji, Malta tibqa' mingħajr dak il-korp ta' mexxejja intellettwali li jixirqilhom l-isem ta'* intelligentsia. *U għadd kbir ta' professjonisti mingħajr għall-inqas numru ċkejken ta'* intelligentsia, *ma jasalx biex igħatti t-tebgħa fuq l-isem sabiħ tal-għejjer tagħna.*

*Imbarra milli ta' l-Università, għalkemm aktarx bħala konsegwenza ta' dan kollu li għedna, il-ħtija hija xejn inqas ta' xi wħud min-nies li fl-imgħoddi ħadu sehem fil-pulitika u qatt ma kellhom ħila, għalkemm setgħu bir-rieda t-tajba, jagħżlu bejn interess ta' partit u interessi nazzjonali. Il-partiti fil-ġlieda tagħhom għamja ħawdu l-imħuħ, baxxew il-livell tas-sentimenti ċivili u nassu l-Maltin bejniethom. Fis-saħna tal-pulitka għebet l-irġulija, għeb il-patrijottiżmu, għebet il-għaqda tal-Maltin u baqgħu jsaltnu fostna l-mibegħda u s-suspetti. Għar-rebħa tal-parti-*

*ti kollox kien igħodd fl-imgħoddi, taħwid u tnassis, u sa l-istess Reliġjon imqaddsa, li aħna l-Maltin minn għalina għamlitna Insara iktar mill-Insara ta' artijiet oħra, saret qisha* football, *kulħadd jagħtiha bis-sieq blex jiskorja* goal *biha u ħadd ma jqis ilħsara li saret u qiegħda ssir. U hi xhieda tan-nuqqas ta'* intelligentsia *Maltija li ftit huma dawk li għandhom ħila jisfidaw ilpartiti kollha tal-Gżira u jqiegħdu d-drittijiet t'Alla u tal-bniedem qabel l-interessi tal-partiti. Mingħajr nies onesti biżżejjed li jmexxuha, mingħajr soċjetà ta'* intelligentsia *li tiflaħ titħabat għall-prinċipji u tirbaħ, Malta l-lum qiegħda f'salib it-toroq, magħfusa minn ġewwa u minn barra. Jidher il-beraq tat-tieni ġlieda reliġjuża mħabba t-tnassis tal-partiti u l-istorja tal-Kattoliċiżmu f'Malta qiegħda kull ma jmur tiċkien u tiqsar, bħalma ċkienet, qsaret, biex ma ngħidux inqerdet f'pajjiżi oħra li kienu Insara daqs Malta u aktar.*

*Dan hu d-destin ta' gżira li ma għandhiex klassi ta'* intelligentsia *tagħha, ta' gżira li minn flok klassi qawwija ta'* intelligentsia *għandha nies li dejjem taw post mill-iżgħar fl-iskejjel, filkulleġġi u fl-Università lill-Istorja ta' Malta* (1) *u sa ftit snin ilu, l-ebda post lill-ilsien tal-poplu; nies li għalihom ir-Reliġjon Kattolika qisha tiċpisa, żebgħa fuq fuq, biex biha jingħażlu mill-Protestanti u setet oħra. Gżira, fuq kollox, li l-kotra tal-professjonisti tagħha aktar jinteressaw rwieħhom fix-xiri ta' għamara qadima minn xi rkant milli fix-xiri ta' kotba tal-qari tajba filosofiċi, storiċi u kulturali.*

*Min imaqdar l-istudji jaħdem għas-saltna ta' l-injoranza. Min jaħdem għas-saltna ta' l-injoranza jaħdem kontra l-valuri storiċi u morali tal-pajjiż. Min jaħdem kontra l-valuri storiċi u morali tal-pajjiż iħassar il-qalb u l-moħħ li fil-galantom huma l-egħjun ta' l-ogħla sentimenti ċivili u reliġjużi.*

*Issa qabel nagħlaq irrid nilqa' ruħi mill-akkuża li tista' ssirli li jiena kxift għajb il-poplu Malti fil-beraħ u bla ħniena. Iddifiża tiegħi hija din: dan jiena għamiltu u nibqa' nagħmlu biex fostna tqum rieda qawwija ta' mħabba u qima għall-istudji, għal dawk il-ħidmiet kollha ntellettwali li mingħajrhom l-ebda pajjiż ma jista' jiġbed il-qima tal-barranin, u jien inħoss li dan juri mħabba akbar lejn Malta mill-frugħa u qerq ta' tifħir giddieb li*

---

(1) Ftit ġranet ilu f'taħdita li kelli ma' "professjonist" dan saqsieni bis-serjetà kollha, jekk l-Għarab ġewx Malta qabel S. Pawl jew wara!

*jdaħħak* ***il-barranin bina.***

*Pinġejna l-kwadru ta' Malta kif inhu biex niftħu l-għajnejn —nies għall-wirja, għall-pompa u għad-dekorazzjonijiet! Kollox ileqq minn barra imma kollox imtappan minn ġewwa! F'kelma waħda dan hu l-kwadru tal-"falliment" civili-reliġjuż tal-poplu Malti.*

---